MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1468/2003

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**
**Vs**

**Mark Parretti**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm120.96 (mija u ghoxrin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-21 ta' Jannar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-16 ta' Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talba attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------